MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Talba Numru. 510/2005

**Mirage Holdings Limited (C 6808)**

**Vs**

**Joseph Cassar**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm152) dovuti mill-konvenut in kwantu ghas-somma ta’ mija u sitta w erbghin lira Maltin (Lm146) rapprezentanti l-prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu u in kwantu ghas-somma ta’ sitt liri Maltin (Lm6) bhala nteressi fuq l-istess.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm152), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------